MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

## ONOR. IMĦALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2004

Rikors Numru. 961/1997/1

Victor Agius
vs
Director of Courts

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1987 u l-1995 huwa kien sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi huwa kien beda jahdem mac-Civil fl-1971 bhala Labourer. Minn Labourer huwa kien sar Messenger I u baqa' tiela sa Messaggier II. Fl-1987 huwa kien gie trasferit ghall-Qorti bhala Messaggier II u wara sitt snin huwa sar Usher.

Illi huwa kien applika ghall-promozzjoni biex isir Usher, mar ghall-Interview li kien jikkonsisti fuq affarijiet li kien jaghmilhom regolarment.  Ghaldaqstant huwa kien hassu li mar tajjeb hafna.  Izda meta hargu l-promozzjonijiet huwa kien sorpriz ghall-ahhar meta ra li ismu ma kienx qieghed ma’ dawk li gew promossi.  Huwa kien applika wkoll biex isir Marshall izda hawnhekk huwa rega’ kien gie maqbuz ghall-promozzjoni.

Illi huwa hass li kien gie maqbuz ingustament peress li nies li ghandhom seniority, esperjenza u kwalifiki anqas minnu kienu nghataw promozzjoni filwaqt li huwa ma kienx inghata l-promozzjoni li hass li kien haqqu bi dritt.

Illi huwa hass li kellu l-kwalifiki kollha rikjesti fis-sejha ghall-applikazzjoni tal-promozzjonijiet biex bhal ohrajn li kienu aghar minnu jinghata l-promozzjoni li applika ghaliha.  L-efficjenza tieghu setghet tigi verifikata mas-superjuri tieghu.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta’ kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji, u li jinghata rimedju billi jigi ordnat illi l-promozzjoni tieghu ta’ usher tigi bis-sehh min-1992 halli hu jidhol lura fis-seniority li kellu qabel u jkun jista’ jinghata l-promozzjoni ta’ Marixall li tilef jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif jiddeciedi li huwa xieraq il-Qorti.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Ir-rikorrent ipprezenta affidavit fejn ikkonferma l-kontenut tar-rikors. Semma li bejn l-1987 u l-1993 hu kien applika biex isir Usher, izda ghalkemm kien jaghmel ix-xoghol ta’ Usher ma kienx intaghzel u kienu ntaghzlu ohrajn li ma kienux kwalifikati daqsu u semma lil Ludgarda Caruana u Alfred Xuereb. Qal li wara li lahaq Usher fl-1993 meta kien applika biex isir Marixxal, ghalkemm kien kwalifikat biex jaghmel ix-xoghol ta’ Marixxal, xorta ma kienx intghazel, u kienu ntaghzlu ohrajn li ma kienux kwalifikati aktar minnu u semma lil Joe Borg u Louis Muscat. Qal li l-fatt li ma ntghazix l-ewwel Usher u imbaghad Marixxal, kien ta’ pregudizzju finanzjarju ghalih, u ser jeffettwah hazin il-pensjoni tieghu meta jigi biex jirtira. Semma li hu kien deher darbtejn quddiem bord ta’ l-ezamijiet dejjem ghal Usher. Qal li meta saru Marixxali l-anqas kienu applikaw izda kien intlahaq ftehim bejn il-union u l-Ministru.

Xehed Kevin Mahoney Assistent Registratur fil-Qrati u ilu f’din il-kariga mill-1994. Dwar il-call for applications ghal Usher li kien applika ghaliha r-rikorrent qal li l-unika call li sab mill-file fejn fiha kkonkorra r-rikorrent kienet dik tat-12 ta’ Frar 1996 u kienet internal call for applications ghal Marixxalli. Qal li fl-1992 ma rrizultalux li kien hemm applikazzjoni ghal Marixxall li kien applika ghaliha r-rikorrent. Kien possibbli qabel l-1995 li persuna tinhatar Marixxal qabel ma jkun applika u dan fis-sens ta’ by seniority fuq direct raccomandation. Fit-2 ta’ Marzu 1994 ir-rikorrent kien gie rakkomandat mid-Direttur Generali dak iz-zmien is-Sur Lino Grech biex isir Usher propju by seniority u hekk kien sar.

Fil-kaz ta’ Alfred Xuereb qal li dan kien sar wara call for applications tas-16 ta’ Ottubru 1990 in segwitu ghal OPM Circular 105/1990. U flimkien kien applika r-rikorrent bhala Usher. Fl-14 ta’ Settembru 1992 kienet harget OPM Circular 93/1992 li in segwitu taghha kienet applikat Ludgarda Caruana u din kienet saret in segwitu ta’ dik l-

applikazzjoni. Ir-rikorrent kien applika ghal din ukoll. Semma li l-bord tal-ghazla kien mexa fuq erba' kriterji u cioe` Suitability and Aptitude, Experience and Staff Supervision, Personal Qualities and Alertness u Level Of Education/Knowledge of Duties liema kriterji gew ripetuti wkoll meta harget il-call for applications sentejn wara jigifieri tal-1992. Dwar seniority qal li ma ghamilx verifiki fil-files dwar ir-rikorrent, Ludgarda Caruana u Alfred Xuereb. Fil-file tar-rikorrent ma rrizultax xi kwalifiki kellu.

Qal li kemm fl-1990 kif ukoll fl-1992 kien hemm vakanzi ta' 10 Ushers f'kull wahda u l-applikazzjoni kienu miftuha ghan-nies impjegati mal-Gvern fid-dipartimenti kollha u mhux ristretta biss ghall-Qorti u dan sal-grad ta' Messaggier. Wara li l-bord ilesti d-decizjonijiet tieghu dan jibghathom il-PSC li tibghat biss ir-rapport ta' dawk li ghaddew lill-OPM. Ir-result sheet ikun pubbliku pero` r-rapport kunfidenzjali jibqa` ghand il-PSC. Mhux kull min jghaddi jintghazel. Jiddependi mill-vakanzi kemm kienu u jrid ikun hemm l-approvazzjoni tal-Prim Ministru wkoll.

Ghall-applikazzjonijiet ghal post ta' Usher ta' l-1990 is-selection board kien maghmul mis-Sur Carmel J. Esposito bhala Chairman, is-Sur Joseph Bonello bhala membru u s-Sinjorina Briffa bhala membru. Ghall-applikazzjonijiet ta' l-1992 il-bord kien kompost mis-Sur Carmel M. Mifsud bhala Chairman, is-Sur Alfred Formosa u s-Sur Alex Vella bhala membri.

Ipprezenta ittra fejn fiha r-rikorrent kien imnizzel it-tieni wiehed mis-seniority li ggib il-fol numru tal-file CJ54/89. Ir-rikorrent inhatar Usher b'effett mis-7 ta' Novembru 1994. Esebixxa l-personal record sheets tar-rikorrent, ta' Louis Muscat, ta' Joseph Borg, ta' Ludgarda Caruana u ta' Alfred Xuereb li minnhom jirrizulta l-grad li kien sena b'sena, u s-salarju. Il-call issir internament ghall-staff tal-Qorti pero` bl-approvazzjoni tal-Public Service Commission. Qal li din ma kenitx call izda order of seniority u l-Kap tad-Dipartiment kien jibghat ir-rakkomandazzjoni diretta fejn fiha jipproponi l-ewwel, it-tieni jew it-tielet persuna skond kemm ghandhom bzonn id-Dipartiment jigu mahtura fil-grad li jmiss. Fl-1992 l-call

for applications kienu miftuhin ghall-haddiema tal-Gvern. Dwar is-selection board narament ikollhom il-criteria approvata mill-PSC f'seniority. Generalment tkun taht suitability, jew experience in the relevant field.

**KONKLUZJONIJIET:**
Illi sfortunatament f'dan il-kaz bhal f'hafna kawzi ohra li t-Tribunal kellu jhabbat wiccu maghhom ma gewx prezentati l-provi relevanti bil-mod kif suppost. L-ewwelnett ir-rikorrent stess mhux car ghal liema applikazzjoni qieghed jilmenta minnha fis-sens li jikkwota d-data tac-Cirkolari relevanti u d-data tal-istess. Spicca biex fl-4 ta' Marzu, 2002 a fol 40 iddikjara li l-ilment tieghu jirreferi ghal aspett ta' Usher biss u mhux ukoll ta' Marixxal.

Ukoll ma gietx prezentata lista tas-seniority mill-Assistant Registratur dwar dawk li applikaw ghall-promozzjoni haga li suppost li l-Gvern ikollu. It-Tribunal ma jistax jifhem kif din ma gietx prodotta u kellu joqghod jipprova jqalleb il-pagni u jezamina l-personal record sheets ta' l-individwi biex jistabbilixxi dan – haga li messhom l-impjegati tal-intimat qabdu u taw lit-Tribunal. Ukoll fuq fil-personal record sheets hemm numru ta' zbalji ghax l-istess persuna jkollha diversi dati ta' meta hadet kariga partikolari!

Kien jinkombi wkoll fuq ir-rikorrent wkoll li jipproduci tali prova. It-Tribunal lanqas biss ghandu l-lista ta' min inhatar. Lanqas ghandu xi kwalifiki kellhom dawk li nhatru u lanqas tar-rikorrent stess.

Ir-rikorrent jsemmi li saret ingustizzja meta hu ma nhatarx. Hu lehaq Usher fis-7 ta' Novembru, 1994 u ghalhekk it-Tribunal irid jezamina qabel tali data. Irrizulta li Louis Muscat lehaq Usher fl-20 ta' Mejju, 1991 u presumibbilment ir-rikorrent mhux qieghed jilmenta mill-promozzjonijiet ghal Usher tal-1991 meta rikorrent lehaq Messanger II f'April, 1987. In-nies l-ohra li ssemmew li lehqu Ushers huma Alfred Xuereb fil-11 ta' Mejju, 1992 u Joseph Borg u Ludgarda Caruana li lehqu Ushers fil-15 ta' April, 1993.

Irrizulta li Alfred Xuereb lehaq Messanger II [fol 37] fit-12 ta' Dicembru 1988 u cioe' wara r-rikorrent li kien lehaq fit-22 ta' April, 1987 [fol 27]. Ludgarda Caruana wkoll kienet lehqet Messanger II wara r-rikorrent ghax kienet lehqet fis-26 ta' Novembru, 1990 [fol 35]. Dwar hatriet tieghu jirrizulta li dan kien lehaq Machine Operator fil-15 ta' Ottubru, 1992 waqt li precedentement Skilled Labourer fid-9 ta' Jannar, 1981 [fol 33].

Dwar kwalifiki tar-rikorrent, Alfred Xuereb, Ludgarda Caruana, u Joseph Borg ma rrizulta xejn ghalkemm l-Assistant Registratur kellu l-obbligu li jissuplixxi din l-informazzjoni lit-Tribunal. Meta wiehed jezamina r-Remarks ma hemm xejn specjali hlief fuq ta' Xuereb li kien instab hati ta' insubordination, failing to report one of his employees was absent, disobeying superior orders and blaspheming and using force, fined for leaving place of work early.

Issa t-Tribunal fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998 qal:
"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Fil-kaz in ezami ma ngabet ebda raguni valida ghala r-rikorrent ma inghatax il-hatra ta' Usher fil-11 ta' Mejju, 1992. Ghall-motivi li ssemmew fil-konkluzjonijiet it-Tribunal jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi

jinghata l-kariga ta’ Usher b’effett mill-11 ta’ Mejju, 1992 u jitpogga fil-lista ta’ seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas id-differenza fil-paga li sofra.

Minhabba li l-ilment tar-rikorrent kif originalment formulat kien jikkomprendi wkoll dik ta’ Marixxal, spejjez minghajr taxxa.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------